ECHA
EUROPEAN CHEMICALS AGENCY

# Fil-qosor

ECHA-19-B-01-MT

# Pjan Strateġiku tal-ECHA 2019-2023



*Flimkien mas-sħab tagħna, naħdmu għall-użu sigur tas-sustanzi kimiċi.*

©iStock.com/David Sucsy

**Il-viżjoni tagħna:**

*Li tkun iċ-ċentru tal-għarfien dwar il-ġestjoni sostenibbli tas-sustanzi kimiċi, fejn tiġi offruta firxa wiesgħa ta' politiki tal-UE u inizjattivi globali, għall-benefiċċju taċ-ċittadini u l-ambjent.*

Ix-xogħol tal-ECHA se jibni fuq l-informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi ewlenin kollha li jintużaw fl-UE u li huma rreġistrati fl-ECHA.

Flimkien mal-Istati Membri tal-UE u l-Kummissjoni Ewropea, l-ECHA se tiżgura l-użu ta' sustanzi kimiċi aktar siguri fl-Ewropa billi ttejjeb il-bażi tad-data, ixxerridha u tivverifikaha u tieħu azzjonijiet regolatorji meta jkun meħtieġ.

Dawn l-azzjonijiet se jagħtu spinta lill-industrija biex timmaniġġa u tuża s-sustanzi kimiċi b'mod sigur tul il-katina tal-provvista, ittejjeb il-kwalità tal-prodott u ssir sostenibbli - u b'hekk tipproteġi ċ-ċittadini, l-impjegati u l-ambjent tal-UE.

Biex tilħaq dawn l-għanijiet, l-ECHA se tibni fuq id-data, l-għarfien u l-kompetenzi tagħha stess biex tpoġġi tliet prijoritajiet strateġiċi fil-prattika.





## Prijorità 1

### Identifika s-sustanzi ta' tħassib u mmaniġġja r-riskji

» **Objettiv**

Aċċellera l-ġenerazzjoni tad-data u l-identifikazzjoni tas-sustanzi ta' tħassib.

Aċċellera l-azzjoni regolatorja dwar is-sustanzi ta' tħassib.

» **L-ECHA rċeviet informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi ewlenin kollha fis-suq tal- UE**

Madankollu, ħafna kumpaniji ma jipprovdux biżżejjed mill-informazzjoni meħtieġa biex jiżguraw l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi. Jekk informazzjoni importanti dwar is-sigurtà tkun nieqsa, l-ECHA titlob lill-kumpaniji jipprovdu aktar data.

L-Aġenzija se taħdem mal-awtoritajiet nazzjonali u mal-Kummissjoni biex tiffoka fuq sustanzi kimiċi li huma ta' tħassib - dawk li x'aktarx huma ta' riskju għas-saħħa jew l-ambjent.

L-ECHA se tkompli taħdem dejjem iktar fuq il-gruppi tas-sustanzi biex tnaqqas il-lakuni fid-data, tħaffef ix-xogħol biex tidentifika r-riskji li qed jirriżultaw minn sustanzi kimiċi ta' tħassib u tipprovoka risponsi aktar rapidi mill-industrija.



## Prijorità 2

### Użu sigur u sostenibbli tas-sustanzi kimiċi mill-industrija

» **Objettiv**

Il-komunikazzjoni effettiva tul il-katina tal-provvista tiġi integrata.

» **Il-kumpaniji għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni lill-manifatturi, lill-utenti, lill-bejjiegħa bl-imnut u lill-konsumaturi dwar kif is-sustanzi kimiċi għandhom jiġu mmaniġġati b'mod sigur tul il-katina tal-provvista .**

L-ECHA tgħin lill-kumpaniji jimmaniġġaw is-sustanzi kimiċi b'mod sigur filwaqt li tistinka għas-sostenibbiltà u l-innovazzjoni billi, pereżempju, tipprovdi għodod, gwida, informazzjoni u l-aqwa eżempji.

Il-bażi tad-data tal-Aġenzija dwar is-sustanzi kimiċi, l-analiżi u l-għodod hija disponibbli għall-pubbliku u bla ħlas għall-benefiċċju tal-kumpaniji, tar-riċerkaturi, tal-assoċjazzjonijiet tal-industrija u tal-organizzazzjonijiet tal-konsumatur.

L-ECHA tiżgura li l-industrija tuża dejjem iżjed l-għodod u l-formati disponibbli biex tikkomunika bis-sħiħ l-informazzjoni dwar is-sigurtà dwar is-sustanzi kimiċi u l-kimiċi fil-prodotti tul il-katina tal-provvista.

Dan jinkludi l-forniment ta' informazzjoni aħjar dwar il-ħajja operattiva tal-prodott, ir-rimi tal-iskart, il-valutazzjonijiet tar-riċiklaġġ u l-esponiment. L-ECHA se żżid ukoll l-appoġġ tagħha lill-industrija u lill-pajjiżi tal-UE biex tinkoraġġixxi s-sostituzzjoni tas-sustanzi kimiċi ta' tħassib b'sostituti inqas perikolużi.



## Prijorità 3

### Immaniġġa s-sustanzi kimiċi sostenibbli billi tapplika l-leġiżlazzjoni tal-UE

» **Objettiv**

L-informazzjoni, l-għarfien u l-kompetenzi tal-ECHA jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE.

» **L-ECHA se taħdem biex ittejjeb l-għarfien u l-kompetenzi tagħha biex tappoġġa l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE. Flimkien mal-Kummissjoni u l-pajjiżi tal-UE, se naħdmu biex nidentifikaw il-leġiżlazzjoni u l-oqsma ta' politika li l-ECHA tista' tikkontribwixxi għalihom.**

L-ECHA se tiffoka fuq oqsma fejn aħna nistgħu nikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex tiżgura livell ogħla ta' protezzjoni u fejn jeżistu sinerġiji dwar l-għarfien u l-kompetenzi attwali tagħna.

L-Aġenzija se tibni fuq il-kapaċitajiet u l-għodod diġitali tagħha stess biex timmaniġġa data ppreżentata u l-interpretazzjoni tagħha biex ittejjeb l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi u d-deċiżjonijiet regolatorji bbażati fuq l-evidenza. L-ECHA se toħloq sinerġiji mas-sorsi tad-data minn programmi internazzjonali u pajjiżi barra l-UE.

Pjan Strateġiku 2019-2023:
https://www.echa.europa.eu/mt/about-us/the-way-we-work/plans-and-reports

## L-ECHA - taħdem għall-użu sigur tas-sustanzi kimiċi.

Permezz tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi flimkien mal-awtoritajiet nazzjonali u l-Kummissjoni, l-ECHA qed

- tgħin lill-industrija biex tikkonforma mar-rekwiżiti legali;
- tavvanza l-użu sigur tas-sustanzi kimiċi;
- tindirizza sustanzi kimiċi ta' tħassib; u
- tipprovdi informazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi.

ED-01-19-098-MT-N ISBN: 978-92-9481-209-4 - DOI: 10.2823/766815
© Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi - Frar 2019